VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,523, 19 ta' Jannar, 2016
Taqsima B

A.L. 25 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(c) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors/qasam ta' studju, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science – M.Sc.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Information and Communication Technology – P.G.Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2015 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-Kors ikun offrut f'kull qasam ta' studju li jaqa' taħt ir-responsabbilità akkademika tal-Bord, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Għall-programmi ta' studju mfassla kif dettaljat fil-paragrafu (1) tal-ordinament 7 u fil-paragrafu (a) tal-ordinament 8, l-applikanti għandu jkollhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) il-grad ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. I.T. (Hons) - miksub mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(b) il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Information and Communication Technology – B.Sc. (Hons) I.C.T. - miksub mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(ċ) il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) fil-Computing Science – B.Sc. (Hons) - miksub mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(d) il-grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) – B.Eng. (Hons) - miksub mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri f'qasam ta' studju relatat mal-ICT; jew

(e) xi grad ieħor bl-unuri b'komponent qawwi fl-ICT li l-Bord iqis li hu komparabbli għall-kwalifiki f'(a), (b), (ċ) jew (d) ta' dan l-ordinament; jew

(f) grad miksub fit-Tielet Klassi bl-Unuri f'qasam ta' studju relatat mal-ICT flimkien ma' kwalifika jew kwalifiki professjonali jew esperjenza kif muri minn *portfolio* sostanzjali ta' xogħol riċenti, meqjus mill-Bord tad-Dħul tal-Università, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha għad-dħul tal-Kors.

(2) Għall-programmi ta' studju mfassla kif dettaljat fil-paragrafu (b) tal-ordinament 8, l-applikanti għandu jkollhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) grad ta' Bachelor miksub mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri b'komponent qawwi fl-ICT li jinkludi 240 krettu ECTS; jew

(b) grad ta' Bachelor miksub mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri b'komponent qawwi fl-ICT li jinkludi 180 krettu ECTS, flimkien ma' Postgraduate Diploma f'qasam relatat mal-ICT; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) il-grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) – B.Eng. (Hons) - miksub mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri f'qasam ta' studju relatat mal-ICT.

(3) Id-dħul tal-applikanti skont is-sotto-paragrafu (f) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament u tal-applikanti skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament jista' jkun jiddependi mir-riżultati ta' intervista li ssir għal dan il-għan.

(4) L-intervisti, meta meħtieġa, għandhom ikunu mmexxija minn bord magħmul għall-anqas minn tliet membri.

It-Tul tal-Kors

5. (1) Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time.*

(2) Il-Kors jista' jinkludi perijodu tas-sajf kif speċifikat fil-programm ta' studju.

Il-Programm ta' Studju

6. Il-programm ta' studju għal kwalunkwe qasam ta' studju offrut fil-Kors jista' jkun jew prinċipalment mgħallem jew prinċipalment bir-riċerka, u għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS.

7. (1) Il-programmi ta' studju prinċipalment mgħallma jikkonsistu minn taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati total ta' 60 krettu ECTS u taqsima studju tad-dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 30 krettu ECTS.

(2) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

8. Il-programmi ta' studju prinċipalment bir-riċerka jkunu ta' żewġ tipi u għandhom jikkonsistu minn:

(a) taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 30 krettu ECTS u taqsima studju tad-dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 60 krettu ECTS; jew

(b) taqsima studju mgħallma li għaliha hemm assenjati 6 kretti ECTS u taqsima studju tad-dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 84 krettu ECTS.

9. F'każijiet fejn l-applikant ikollu nuqqas ta' għarfien f'oqsma partikolari mhux koperti fil-grad tiegħu/tagħha, il-Bord, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji jew tal-Panel ta' Supervizjoni tal-istudent, jista' jeħtieġ li l-applikant isegwi u jgħaddi minn taqsimiet studju suppplimentari ta' livell 4 jew anqas li għalihom hemm assenjati mhux aktar minn 12-il krettu ECTS.

VERŻJONI ELETTRONIKA

10. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

11. (1) Il-valutazzjoni tat-taqsimiet studju mgħallma għandha ssir sal-aħħar tas-semestru li fih ikun intemm it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kretti ECTS jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom matul is-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjonijiet fi Programmi ta' Studju Prinċipalment Mgħallma

12. (1) Fi programmi ta' studju prinċipalment mgħallma, imfassla skont il-paragrafu (1) tal-ordinament 7, l-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali (30 krettu ECTS) ta' mhux aktar minn 20,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji. Id-dissertazzjoni għandha tissodisfa wkoll lill-Bord rigward il-kontenut u l-preżentazzjoni.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt it-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji qabel it-tmiem tat-tieni semestru.

(4) L-istudenti għandhom ifittxu l-approvazzjoni mill-Bord tal-Istudji permezz tas-superviżur tagħhom għal kwalunkwe modifikazzjonijiet fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni.

(5) L-istudenti huma meħtieġa li jkollhom kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom, li għandu jissottometti rapporti dwar il-progress tal-istudent/i taħt is-supervizzjoni tiegħu lill-Bord tal-Istudji fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji, kemm jekk l-istudent ikun qiegħed isegwi l-kors fuq bażi *full-time* jew fuq bażi *part-time*.

(6) Ir-rapporti sottomessi mis-superviżuri jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

Id-Dissertazzjonijiet fi Programmi ta' Studju Prinċipalment bir-Riċerka

13. (1) Fi programmi ta' studju prinċipalment bir-riċerka, imfassla skont il-paragrafu (a) tal-ordinament 8, l-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali (60 krettu ECTS) ta' madwar 32,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji. Id-dissertazzjoni għandha tissodisfa wkoll lill-Bord rigward il-kontenut u l-preżentazzjoni.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir matul il-Kors wara l-approvazzjoni tal-proposta dettaljata li għandha tinkludi titlu proviżorju għad-dissertazzjoni. Din il-proposta dettaljata ta' riċerka għandha tkun sottomessa lill-Bord tal-Istudji għall-approvazzjoni qabel it-tmiem tal-ewwel semestru. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

14. (1) Fi programmi ta' studju prinċipalment bir-riċerka, imfassal skont il-paragrafu (b) tal-ordinament 8, l-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali (84 krettu ECTS) ta' madwar 45,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji. Id-dissertazzjoni għandha tissodisfa wkoll lill-Bord rigward il-kontenut u l-preżentazzjoni.

(2) L-applikazzjonijiet għal dan it-tip ta' Master ta' riċerka għandhom ikunu approvati mill-Bord u għandhom jinkludu d-dettalji li ġejjin:

(a) it-titlu provviżorju; u
(b) l-proposta ta' riċerka provviżorja.

15. (1) Kull student ikun assenjat superviżur mill-Bord li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi waqt il-perijodu ta' studju, li jibdew mill-formulazzjoni tal-proposta dettaljata miktuba.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir fi kwalunkwe żmien matul il-Kors wara l-approvazzjoni tal-proposta.

16. (1) Għall-programmi ta' studju bir-riċerka kif speċifikat fl-ordinament 8, il-Bord għandu jaħtar Panil ta' Superviżjoni għal kull student, normalment magħmul minn tliet membri kif ġej: il-Kap tad-Dipartiment jew id-delegat tiegħu/tagħha bħala *chairman*, u żewġ membri oħra, li wieħed minnhom ikun is-superviżur tar-riċerka, sakemm li meta l-kap tad-dipartiment ikun is-superviżur, huwa jew hija ma jkunx maħtur/a *chairman*.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Il-Panil ta' Superviżjoni għandhom isegwu, skont kif jidrilhom xieraq, il-progress tal-istudenti matul il-Kors, sakemm li jiltaqa' għall-anqas darba kull sena biex jirrevedi l-progress.

(3) L-istudenti huma meħtieġa jiltaqgħu mas-superviżur tagħhom mill-anqas darba kull xahrejn, u barra minn hekk aktar spiss jekk is-superviżur jidhirlu li dan hu meħtieġ.

(4) Is-superviżuri huma meħtieġa li jagħtu lill-Panil ta' Superviżjoni jew lill-Bordijiet ta' l-Istudji rapporti dwar l-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji. L-istudenti għandhom jitolbu l-approvazzjoni tal-Panil ta' Superviżjoni għal kwalunkwe modifikazzjoni fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni

(5) Il-Panils ta' Superviżjoni jew il-Bordijiet tal-Istudji għandhom jinfurmaw lill-Bord kif xieraq dwar il-progress ġenerali ta' kull student. Dan il-parir jista' jinkludi rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li l-kondizzjonijiet speċifikati fis-sotto-paragrafi (i) u (ii) tal-paragrafu (6) tal-ordinament 12 għandhom japplikaw f'dawn il-każijiet.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

17. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

18. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.

It-Tħassir

19. L-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 81 tal-2009, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2015, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2015 għandhom ikomplu jkunu regolati mill-ordinamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.